



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 11 ta' Ottubru 2022  
(OR. en)

12545/22

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2022/0241 (NLE)

---

---

AGRI 446  
PROBA 41  
WTO 173

#### **ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill tal-Membri tal-Kunsill Internazzjonali taż-Żebbuġ fir-rigward tat-tħassirtal-kategorija żejt taż-żebbuġa verġni ordinarju mill-Anness B tal-Ftehim Internazzjonali dwar iż-Żejt taż-Żebbuġa u ż-Żebbuġ tal-Mejda, 2015

---

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/...**

**ta'...**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan  
il-Kunsill tal-Membri tal-Kunsill Internazzjonali taż-Żebbuġ  
fir-rigward tat-thassirtal-kategorija żejt taż-żebbuġa verġni ordinarju  
mill-Anness B tal-Ftehim Internazzjonali  
dwar iż-Żejt taż-Żebbuġa u ż-Żebbuġ tal-Mejda, 2015**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim Internazzjonali dwar iż-Żejt taż-Żebbuġa u ż-Żebbuġ tal-Mejda, 2015 (“il-Ftehim”) ġie ffirmat f’isem l-Unjoni f’konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1892<sup>1</sup> fit-18 ta’ Novembru 2016, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f’data aktar tard. Il-Ftehim daħal fis-seħħ b’mod proviżorju fl-1 ta’ Jannar 2017 f’konformità mal-Artikolu 31(2) tiegħu,
- (2) Il-Ftehim ġie konkluż fis-17 ta’ Mejju 2019 bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/848<sup>2</sup>.
- (3) Skont l-Artikolu 7(1) tal-Ftehim, il-Kunsill tal-Membri tal-Kunsill Internazzjonali taż-Żebbuġ (“il-Kunsill tal-Membri”) irid jadotta d-deċiżjonijiet li jagħmlu t-tibdil fil-Ftehim.
- (4) Waqt il-116-il seduta li ser issir bejn it-28 ta’ Novembru u t-2 ta’ Diċembru 2022, jew fil-qafas ta’ proċedura għall-adozzjoni ta’ deċiżjonijiet mill-Membri tal-Kunsill permezz ta’ skambju ta’ korrispondenza, il-Kunsill tal-Membri għandu jadotta deċiżjoni biex titfassar il-kategorija “żejt taż-żebbuġa verġni ordinarju” mill-Anness B tal-Ftehim.

---

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1892 tal-10 ta’ Ottubru 2016 dwar l-iffirmar, f’isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim Internazzjonali dwar iż-Żejt taż-Żebbuġa u ż-Żebbuġ tal-Mejda, 2015 (ĠU L 293, 28.10.2016, p. 2).

<sup>2</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/848 tas-17 ta’ Mejju 2019 dwar il-konklużjoni f’isem l-Unjoni Ewropea tal-Ftehim Internazzjonali dwar iż-Żejt taż-Żebbuġa u ż-Żebbuġ tal-Mejda, 2015 (ĠU L 139, 27.5.2019, p. 1).

- (5) Id-deċiżjoni ser issir vinkolanti skont id-dritt internazzjonali f'konformità mal-Artikolu 20(1) tal-Ftehim. Għalhekk jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill tal-Membri, peress li d-deċiżjoni li ser tiġi adottata ser ikollha effetti legali fuq l-Unjoni.
- (6) Billi l-kategorija 'żejt taż-żebbuġa verġni ordinarju' ma teżistix fir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup>, jenħtieġ li d-deċiżjoni tal-Kunsill tal-Membri tiġi appoġġata.
- (7) Jenħtieġ li tittieħed f'isem l-Unjoni l-pożizzjoni stabbilita f'din id-Deċiżjoni fil-116-il seduta tal-Kunsill tal-Membri, jew fil-qafas ta' proċedura għall-adozzjoni ta' deċiżjonijiet mill-Kunsill tal-Membri permezz ta' skambju ta' korrispondenza, skont l-Artikolu 10(6) tal-Ftehim. Jenħtieġ li l-proċedura għall-adozzjoni permezz ta' skambju ta' korrispondenza tinbeda qabel is-seduta regolari li jmiss tal-Kunsill tal-Membri f'Novembru tal-2022,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agricoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671).

### *Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kunsill tal-Membri tal-Kunsill Internazzjonali taż-Żebbuġ waqt il-116-il seduta li ser issir bejn it-28 ta' Novembru u t-2 ta' Diċembru 2022, jew fil-qafas ta' proċedura għall-adozzjoni ta' deċiżjonijiet mill-Kunsill tal-Membri permezz ta' skambju ta' korrisondenza li trid tinbeda qabel is-seduta regolari li jmiss f'Novembru tal-2022, hija li jiġi appoġġat it-tħassir tal-kategorija "żejt taż-żebbuġa verġni ordinarju" mill-Anness B tal-Ftehim Internazzjonali dwar iż-Żejt taż-Żebbuġa u ż-Żebbuġ tal-Mejda, mill-1 ta' Jannar 2026.

### *Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---